II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Ġunju 2008

dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fil-Ġermanja fl-2007

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2345)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(2008/441/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 3(3) u 3a(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Skond l-Artikolu 3a ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri jistgħu jiksbu kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-ispejjeż ta' ċerti miżuri biex tinqered l-influwenza tat-tjur.

(2) L-Artikolu 3a(3) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE jistabbilixxi regoli dwar il-perċentwali ta' l-ispejjeż li jġarrbu l-Istati Membri li jista' jkun kopert mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jistabbilixxi regoli dwar il-finanzjament Komunitarju ta' miżuri ta' emerġenza u tal-kampanja għall-ġlieda kontra ċertu mard ta' l-annimali skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE [2], wara l-emenda tad-Deċiżjoni 90/424/KEE bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/53/KE [3], ma għadux ikopri l-influwenza tat-tjur. Għalhekk jeħtieġ li jiġi espressament ipprovdut fid-Deċiżjoni preżenti li l-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità lill-Ġermanja jkun suġġett għal konformità ma' ċerti regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(4) Fl-2007, fil-Ġermanja kien hemm tifqigħat ta' l-influwenza tat-tjur. Il-preżenza ta' din il-marda tirrappreżenta riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità. Il-Ġermanja ħadet il-miżuri, kif imsemmija fl-Artikolu 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, biex tiġġieled dawn it-tifqigħat.

(5) Il-Ġermanja kienet konformi għal kollox ma' l-obbligi tekniċi u amministrattivi tagħha kif stipulati fl-Artikolu 3(3) u 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.

(6) Il-Ġermanja ppreżentat lill-Kummissjoni tagħrif dwar l-ispejjeż imġarrba fit-30 ta' Awwissu 2007, u kompliet tipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ dwar spejjeż ta' kumpens u nefqa operattiva.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

[2] ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.

[3] ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lill-Ġermanja

1. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità tista' tingħata lill-Ġermanja għall-ispejjeż imġarrba minn dan l-Istat Membru fit-teħid tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, fil-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fl-2007.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-Artikoli 2 sa 5 u l-Artikolu 7 u l-Artikolu 9(2), (3) u (4) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 2

Arranġamenti għall-ħlas

L-ewwel porzjon ta' EUR 320 000 għandu jitħallas bħala parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità stipulata fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni